MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1343/2002

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Anthony Tonna**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew li skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta (awtrici ta' Maltacom p.l.c.), il-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha u ghoxrin elf, hames mija u seba' Liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm24,507.65) in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru hamsa sebgha wiehed sebgha tlieta sitta (571736)

bil-klijent numru tlieta zero tmienja erbgha sitta zero (308460) liema servizz kien provdut fil-fond bl-isem Kevin Garage, Triq Sant Aristarkus, San Pawl il-Bahar, skond il-prospett hawn anness u mmarkat bhala “Dok A”;

Peress illi l-konvenut interpellat biex ihallas baqa’ inadempjenti;

Peress illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u ezigibbli;

Jghid il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta’ attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta’ l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbgha u ghoxrin elf, hames mija u seba’ Liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm24,507.65).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, tal-ittra ufficjali tat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Gunju, elf disa’ mija u disgha u disghin (1999) u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici Maltacom p.l.c. a fol.3 tal-process;

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Tonna a fol. 12 tal- process fejn eccepixxa:**

1. Preliminarjament in-nullita’ tac-citazzjoni billi l-premessi attrici huma ambigwi sante li ma hux sufficjentement car jekk il-premessi u t-talbiet attrici humiex ibbazati fuq il-kuntratt mas-socjeta’ attrici jew hijiex wahda ta’ danni u inoltre ma huwiex sufficjentement car fuq liema ligi hija bbazata l-kawza attrici;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li

kuntrarjament ghal dak iddikjarat fil-premessi tac-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni attrici, is-socjeta' attrici qatt ma pprovdiet servizz fil-fond hemm dikjarat;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut bl-ebda mod ma hu responsabbli ghall-hlas ta' l-ammonti kif dedotti fl-att tac-Citazzjoni u ma ghandux jaghti l-ammont mitlub mill-attur;

4. Illi kienet is-socjeta' attrici li in mala fede jew b'negligenza naqqset milli tiehu l-passi kollha mehtiega, meta kienet edotta b'fatti li juru li kien hemm l-intervent abusiv u illegali ta' terza persuna u sahansitra kien hemm komunikazzjoni illegali maghmula minn terza persuna mal-wiring proprjeta' ta' l-istess socjeta' attrici u dan ghad-dannu tal-konvenut;

5. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**KONTESTAZZJONI**

L-atturi qed jissottomettu li l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici is-somma ta' Lm24,507.65 in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 571736 bil-klijent numru 308460 liema servizz kien provdut fil-fond Kevin Garage, Triq Sant Aristarkus, San Pawl il-Bahar, skond il-prospett anness bhala "Dok A".

Il-konvenut eccepixxa n-nullita' tac-citazzjoni billi l-premessi tac-citazzjoni attrici ma humiex sufficjentement cari u fil-mertu li hu bl-ebda mod ma hu responsabbli ghall-hlas ta' l-ammont mitlub billi kien hemm l-intervent abusiv ta' terza persuna li ghamel komunikazzjoni illegali mal-*wiring* proprjeta' ta' l-istess socjeta' attrici ghad-dannu tal-konvenut.

## KONSIDERAZZJONIJIET

### Nullita tac-citazzjoni

Il-konvenut qed jirritjeni li c-citazzjoni hija nullu billi l-premessi tac-citazzjoni attrici ma humiex sufficjentement cari.

Illi minn ezami tal-premessi tac-citazzjoni jirrizulta li t-talba attrici hija bazata fuq obbligi kontrattwali u dana skond ir-regolamenti li hemm fl-applikazzjoni u l-kuntratt iffirmat mill-konvenut fejn talab li hu jigi provvdut bis-servizz telefoniku.

Inoltre l-artikolu 789 tal-Kap 12 isemmi dawk il-kazijiet fejn l-atti gudizzjarji jistghu jigu dikjarati nulli u fost l-ohrajn isemmi l-kaz fejn il-vjolazzjoni tkun giebet lill-parti li titlob in-nullita', pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort'ohra hlief billi l-att jigi annullat. Fil-fatt fil-kaz in ezami dan il-pregudizzju ma jezistiex. Inoltre dina l-eccezzjoni ma tistax tinghata meta dan in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht xi disposizzjoni tal-ligi. F’dan il-kaz il-partijiet gabu il-provi taghhom fuq il-mertu tal-kawza u l-konvenut ukoll ressaq il-provi tieghu u ikkontesta t-talba attrici fil-mertu.

### Mertu

Illi l-atturi ghandhom l-obbligu f’dina l-kawza li jipprovaw li l-ammont reklamat minnhom hu tabilhaqq dovut, u hu dovut mill-konvenut.

L-atturi ipprezentaw *Account Entry* a fol. 5 bl-ammonti dovuti fuq il-*customer number* 308460 u fuq *telephone number* 571736 li jsejjah lill- konvenut. Gie ukoll prezentat *itemized bill* a fol. 69 et seq bi spjegazzjoni tal *calls* kollha li saru fil-perjodu li tieghu l-atturi qed jitolbu l-hlas.

Il-konvenut minn naha tieghu mhux qed jikkontesta li setgha saru dawk il-*calls* izda qed jirritjeni li dawn il-*calls*

ma sarux minnu u tah ragunijiet ghaliex qatt ma setghux isiru minnu, liema ragunijiet l-Qorti ser tezamina  aktar il-quddiem.

Ghalhekk l-indagini li trid taghmel dina l-Qorti hija li tistabillixi jekk il-konvenut gabx provi konvincenti bizzejjed jew kumpless ta’ cirkostanzi li jistghu jinducu lill dina l-Qorti temmen u taccetta l-versjoni tieghu, f’dan il-kaz, li mhux hu li ghamel it-telefonati li taghhom qed jintalab il-hlas.

Jirrizulta bhala fatt li fil-post tal-konvenut instab li kien hemm komunikazzjoni b’wire li kien hiereg mill distribution box tal Maltacom u li kien jasal sal bidu tal-ventilatur tal-garage tal-konvenut.  Il-konvenut kien li r-rapporta u qal lill haddiema impjegati ta’ l-atturi li hu ma kienx jaf b’dan il-*wire*.

Gie pruvat li l-kontijiet tal-konvenut kienu dejjem jigu bejn Lm6 u Lm8 u wara li kien instab li kien qed isir dan it-tbaghbis li l-kontijiet hargu bl-ammont ta’ eluf ta’ liri.

Il-konvenut xehed li sa minn 1996 hu kien kiteb (ara fol. 29)  lit Telemalta u talabhom jinfurmawh meta ssir xi telefonata ghal barra minn Malta minn fuq in-numru 571736 u dana billi kien sema li kienu qed isuri telefonati abbuzivi mir-residenzi ta’ persuni li ma jkunux fir-residenza taghhom ta’ villeggjatura Bugibba fix-xitwa. Izda allavolja kienu saru dawn il-*calls* kollha barra minn Malta, l-atturi qatt ma nfurmaw lill konvenut li kien hemm dak il-kont kollu tiela ta’ eluf ta’ liri.

Meta l-konvenut sar jaf l-ewwel darba bil-kont ta’ Lm6,446 hu kien mar ghand l-atturi biex jinfurmahom li kien hemm zball. Sussegwentement gie infurmat mhux biss li ma kienx hemm zball izda li kien ser jircievi kont iehor ta’ Lm18,000. Il-konvenut kien mar ukoll jaghmel rapport lill pulizija dwar dak li kien sab fil-post tieghu u talab lill atturi ghall *itemized bill*.

Dwar il-kwistjoni tal-*barring* li ssemmiet fix-xhieda tal-konvenut, dan spjega li anke wara li kien sar il-*barring*

kien hemm *calls* li saru anke wara li inqata’ z zero u dan ghall-perjodu l-ewwel ta’ Jannar, 1998 sal-wiehed u tletin ta’ Marzu, 1998.

Il-konvenut spjega wkoll ghaliex kien impossibili ghalih li ghamel dawk il-*calls*. Jirrizulta li f’certu dati li hu suppost ghamel il-*calls*, jew kien bil-lejl jew qed jirresjedi l-Hamrun u mhux Bugibba jew inkellha kien mal-mara l-isptar. Inoltre hu spejga li saru *calls* f’postijiet fl-Africa li lanqas kien qatt sema bihom bhala Benin u Senegal. Fl-*itemized bill* hemm ukoll indikat li saru *conference calls.*

Mhux kontestat  u anke jirrizulta mir-ritratt ezibiti a fol. 36 sa 41 li fis-sistema tal-*wiring* li kien hemm mid-*distribution box* ghar residenzi tan-nies kien hemm konfuzjoni shiha ta’ *wires* ta’ barra li kien jaghti lok ghall abbuz. Ghalhekk il-konvenut m’ghanux ibati ghal dana n-nuqqas da parti ta’ l-atturi.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li l-konvenut irnexxilu jgib provi konvincenti bizzejjed biex jinducu lill dina l-Qorti temmen u taccetta l-versjoni tieghu li hu ma ghamilx il-*calls* ghall barra minn Malta mitlubin mill-atturi.

Il-konvenut qed jammetti li hu ghandu jaghti tar-renta u tal-*calls* lokali, ghalhekk mill-kont ezibit a fol 5 kull ma hu dovut mill-konvenut hu l-ammont kollha hlief il-Lm18,049.75 u Lm6,446.85.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa’ t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ sebgha u disghin lira Maltin u tlieta u erbghin centenzmu (Lm97.43)
Bl-ispejjez  ghall-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------